MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2002

Talba Numru. 786/2001/1

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance kif surrogati fid-drittijiet ta' Alfred Attard u l-istess Alfred Attard**

**Vs**

**Rose Marie Curmi Cassar.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u erbgha u disghajn lira Maltija u sebghin centezmu (Lm494.70) hlas dovut in kwantu ghal LM394.70 lis-socjeta attrici u l-bilanc lill-attur, danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fil-5 ta' Dicembru 1999 gewwa Santa Venera By Pass bejn il-vettura bin-numru

BAE 224 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura bin-numru IBD 949 ta' Alfred Attard.

Ra li l-konvenuta ma pprezentatx risposta fit-terminu preskritt mil-ligi, izda kkontestat ir-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza (fol. 8).

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Fil-5 ta' Dicembru 1999 sehh incident tat-traffiku gewwa Santa Venera By Pass. Il-vetturi nvoluti fl-incident kienu Seat Marbella (numru BAE 224) misjuqa mill-konvenuta, u Peugeot (numru IBD 949) propjeta ta' l-attur u misjuqa minn Carmen Attard.

2. Il-verzjoni moghtija mis-sewwieqa rispettivi huma dijametrikament opposti ghal xulxin.

3. Mill-verzjoni li taw is-sewwieqa nvoluti fl-incident, it-Tribunal huwa iktar konvint mill-verzjoni moghtija minn Carmen Attard. Il-verzjoni taghha hija fil-fatt korroborata mill-iskizz (fol. 12) li ghamel il-pulizija li nvestiga l-kaz. Ghalkemm jidher li l-iskizz ma sarx fuq il-post, mill-provi rrizulta li l-pulizija marru fuq il-post ta' l-incident u setghu jikkonstataw fejn kienu jinsabu l-vetturi fit-triq. Il-konvenuta xehdet (seduta tas-6 ta' Gunju 2002): *"Kienet* [il-vettura misjuqa minn Carmen Attard] *angolata u kienet nofsha fil-lane li minnha kont ghaddejja jiena"*. Kieku l-vettura misjuqa minn Carmen Attard kienet fil-posizzjoni li tiddeskrivi l-konvenuta, filwaqt li s-Seat Ibiza kienet ghaddejja mill-karreggata ta' gewwa (kif xehdet il-konvenuta), il-hsara fil-Peugeot ma kenitx tkun ukoll fuq ir-"rear mudguard" (ara okkorrenza a fol. 10).

4. Dwar id-danni reklamati, il-konvenuta ma ressqet l-ebda opposizzjoni u dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-5 ta' Dicembru 1999 gewwa l-By Pass ta' Sta. Venera, jikkundannaha thallas lill-atturi s-somma ta' erbgha mija u erbgha u disghajn lira Maltija u sebghin centezmu (Lm494.70) hlas dovut in kwantu ghal LM394.70 lis-socjeta attrici u l-bilanc lill-attur, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**